MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2005

Numru 897/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Edel Mary Camilleri**
v

**COSTANTINO BALZAN**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **COSTANTINO BALZAN** ta' disgha w erbghin sena bin il-mejjet Francis u Mary nee Chetcuti, imwieled Sliema nhar t-tmienja ta' Awissu 1952 u residenti 'Cosnika', Triq Mejxu, Tal-Ibragg, Saint Andrews, detentur tal-karta tal-identita numru 607952M gie mressaq quddiemha akkuzat talli bejn l-ewwel ta' April 1997 w t-tletin ta' Novembru 1997 b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b'risoluzzjoni wahda:

1. b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji jew sabiex iqanqlu tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq ta' aktar minn sitt elef disgha mija sitta w ghoxrin lira maltin bi hsara ta' diversi persuni.

2. Talli bi hsara ta' diversi persuni ghamel qliegh ta' aktar minn sitt elef disgha mija sitta w ghoxrin lira maltin mhux imsemmija fl-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Talli uza energija elettrika jew stallazzjoni, apparat, strument jew accessorji taghhom provduti mill-Enemalta jew xi pitrolju provdut ghal bejgh jew tnehhija ohra minn jew f'isem l-Enemalta sew direttament jew indirettament ghal ghanjiet differenti minn dawk li ghalihom kienu provduti.

4. Talli kiser jew naqas li jhares xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Enemalta jew xi wahda mill-imsemmija regolamenti jew xi ordni legittimu moghti skond d-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Enemalta jew ta' dawk r-regolamenti.

5. Talli bhala ufficjal jew impjegat pubbliku li 'n konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, ircieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utili jew ta' xi vantagg iehor li ghalihom hu ma jkollux dritt.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat tmienja ta' April 2003 esibit a fol 15 tal-atti markat bhala dokument CSH 2 sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u dan kif jirrizulta a fol 64 tal-atti u cioe meta sar l-ezami ai termini

tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Illi sussegwentement fis-seduta tas-sbatax ta' Mejju 2004, il-Prosekuzzjoni kienet irtirat l-hames akkuza fil-konfront tal-imputat wara li rrizultalha li l-imputat kien jahdem fil-pompa tal-petrol Speedy Garage fil-perjodu meta sehhew l-allegati reati moghtija fil-konfront tal-imputat u ghalhekk zgur li ma jistax jigi konsidrat bhala ufficjal jew impjegat pubbliku.

Illi f'din l-istess seduta d-Difiza, eccepiet il-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 688(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-akkuzi.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat tressaq l-Qorti nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Ottubru 2002 u gie akkuzat li b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti bejn il-perjodu ta' l-ewwel ta' April 1997 w it-tletin ta' Novembru 1997, fejn allegatament gie akkuzat li kkommetta l-erbgha reati fuq imsemmija u cioe frodi b'ghemil qarrieq, kif dispost fl-artikolu 308, 309 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fuq reati dwar prekawzjoni waqt xogholijiet w installazzjoni kif previst fl-artikolu 44, 45 u 46 tal-Kap 272 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn ezami tal-process jirrizulta li l-imputat gie notifikat bl-akkuzi odjerni nhar l-hdax ta' Frar 2003 kif jirrizulta mir-riferta esibita mill-Prosekuzzjoni waqt s-seduta tal-ghoxrin ta' Frar 2003 [fol 7].

Issa, f'kaz ta' htija ta' reat naxxenti mill-Kap 272 u appuntu skond l-artikolu 46(1) tal-istess Kap, l-imputat jehel piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux izjed minn hames mitt lira maltin jew dik il-prigunerija u multa flimkien.

Illi ghalhekk, dawn l-akkuzi jaqghu preskritti bl-gheluq ta' sentejn skond l-artikolu 688(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Dwar l-akkuzi ta' frodi, il-Qorti rat li l-imputat gie akkuzat li allegatament iddefroda lil terzi persuni fl-ammont ta' sitt elef disgha mija sitta w ghoxrin lira maltin u ghalhekk, il-piena applikabbli f'kaz ta' htija, hija dik preskritta fl-artikolu 310(1)(a) u ghalhekk il-piena massima applikabbli minghajr l-akkuza ta' reat kontinwat, hi dik ta' tlett snin prigunerija. Illi l-perjodu preskrittiv ghal reati li l-piena ta' prigunerija massima ma teccedix l-erbgha snin u mhux inqas minn sena hija dik disposta fl-artikolu 688(e) u cioe bl-gheluq ta' hames snin.

Illi bejn l-perjodu ta' meta gew kommessi l-allegati reati u n-notifika tal-imputat ghaddew hames snin u tlett xhur.

Illi huwa veru li llum il-gurnata skond l-emendi tal-Att III tas-sena 2002 l-artikolu 308 ghandu piena differenti u cioe giet estiza minn erbgha xhur sa sena ghal sebgha xhur sa sentejn, filwaqt li f'kaz ta' sejbien ta' htija skond l-artikolu 310(1)(a) il-piena zdietet minn tmintax il-xahar sa tlett snin ghal perjodu ta' tlettax il-xahar sa sebgha snin.

Dawn l-emendi pero ma jeffettwawx lil imputat ghaliex skond l-artikolu 27 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

*"Jekk il-piena stabbilta mill-ligi li tkun ssehh fiz-zmien tal-kaz u dik li kienet issehh fiz-zmien li saru r-reati ma jkunux xorta wahda, ghandha tinghata l-piena inqas gravi."*

Ghalhekk f'dan il-kaz il-piena massima ta' tlett snin.

Illi l-Qorti tirrileva li ai fini tal-komputazzjoni tal-piena ai fini tal-ezami tal-preskrizzjoni m'ghandhiex tittiehed in konsiderazzjoni l-aspett tal-kontinwita u tar-reat kontinwu. Huwa evidenti ghal din il-Qorti li ghall-fini tal-preskrizzjoni, r-reat kontinwat ghandu identita legali separata u distinta minn dak tar-reat proprju li jkun gie kommess. Jigifieri per ezempju fil-kaz ta' frodi, wiehed ma jridx ihares ghal kwalifika tal-kontinwita bhala li ghandha tittiehed in konsiderazzjoni flok li jhares biss lejn r-reat ta' frodi.

Kif tajjeb gie osservat fis-sentenza citata mid-Difiza stess fl-ismijiet **Il-Pulizija v Lorry Cuschieri** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tletin ta' Ottubru 2001***:

*"Ir-reat kontwat huwa funzjoni legali krejata essenzjalment ghal beneficcju ta' l-akkuzat b'piena* <u>*indeterminata*</u> *li tigi kommutata biss bhala mizura esklussivament diskrezzjonali wara li jigu ppruvati bhala punibbli oltre kull dubbju ragionevoli, r-reati individwali komponenti tieghu kif wkoll ippruvata l-ezistenza ta' risoluzzjoni kriminuza wahda li tinkatena dawk r-reati ma xulxin. Din il-Qorti taqbel li fir-reat kontinwat nnifsu ma jikkonkorrux dawk l-elementi essenzjali sabiex jista jinghad li huwa reat b'ezistenza awtonoma. Invece huwa car li r-reat kontinwat bhala funzjoni legali huwa biss cirkostanza ta' fatt li meta tigi stabbilita, tinduci eccezzjoni ghal konkorrenza tar-reati u l-kumulu ta' pieni relattivi."*

Dik il-Qorti kompliet tghid fis-sentenza taghha:
*"Din il-Qorti tghmel tahha wkoll s-sottmissjoni li ghamel l-appellant li l-kontinwita fir-reati tigi konsidrata bhala mitigazzjoni tal-piena li altrimenti tkun kumulattiva. L-artikolu 689 tal-Kodici Kriminali allura jippreskrivi li ai finijiet ta' preskrizzjoni ghandu jittiehed qies tal-piena li ghaliha r-reat ikun ordinarjament suggett. Ghalhekk din il-Qorti taqbel li jekk dik il-piena ghall-ahhar vjolazzjoni li tkun saret fis-sensiela ta' reat kontinwat tkun giet preskritta, r-reat kontinwat innifsu wkoll ikun gie preskritt. Jigifieri f'kelma wahda, din il-Qorti qed tghid li ma tistax il-Prosekuzzjoni tuza l-element tal-kontinwita biex dak li altrimenti jkun preskritt takkwistah bhal ma huwiex fuq is-semplici bazi li minhabba l-kontinwita l-piena applikabbli* <u>*tista*</u> *u mhux necessarjament ghandha tigi awmentata bil-gradi li hemm imsemmija fl-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali."*

Illi ghalhekk fil-fehma tal-Qorti, r-reati naxxenti mill-Kap 272 jaqghu preskritti f'gheluq sentejn skond l-artikolu 688(e) filwaqt li r-reati naxxenti mill-artikoli 308 u 309 tal-Kap 9 f'gheluq il-hames snin skond l-artikolu 688(d).

**Issa, peress li l-imputat tressaq il-Qorti wara l-hames snin, din il-Qorti tiddikjara li l-azzjoni llum tinsab preskritta u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan il-kaz.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------